# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 11 ta' April, 2017**

**Kawża Nru 22**

**Ċitazz. Nru. 108/03JRM**

Mary **BRIFFA**

vs

Consiglia **ABDILLA** u b'degriet tal-25 ta' Jannar, 2007, il-ġudizzju għadda fil-persuna ta' Carmen mart Paul Żahra, Rita mart Louis Farruġia, Conċetta *sive* Connie Buġeja, Doreen Ellul, Ġorġia Muscat, Franco Aġius u Marisa Cauchi, aħwa Aġius, u dan minħabba l-mewt tal-istess Consiglia Abdilla tul is-smigħ tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Frar, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li hija tat serviġi lill-imħarrka; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit, is-somma xierqa bħala kumpens għal dawk is-serviġi; u (ċ) tikkundanna lill-

imħarrka biex tħallasha l-kumpens hekk likwidat. Talbet wkoll l-ispejjeż u żammet sħiħ il-jedd tagħha għal kull azzjoni oħra li jista' jkollha fil-liġi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Consiglia Abdilla fit-18 ta' Novembru, 2003, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li, qabel kollox, l-attriċi trid turi li dak li tgħid li għamlet magħha wettqitu bil-ħsieb li titħallas tiegħu. Żiedet tgħid li jekk inhu minnu li l-attriċi wettqet serviġi magħha, hija kienet tħallset b'mod xieraq matul iż-żmien li din l-għajnuna kienet qegħda tingħata, u għalhekk ma hemm xejn li dwaru l-attriċi jistħoqqilha kumpens ieħor. Temmet tgħid li, f'kull każ, l-għajnuna li l-attriċi setgħet tatha kienet ta' ftit siwi u ma hemmx post għall-għoti ta' kumpens, u għalhekk it-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet ukoll xhieda mressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2009[1], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attriċi (reġistrata u traskritta)[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-11 ta' Mejju, 2009[3], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

## ***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' serviġi. L-attriċi tgħid li għamlet żmien iddur biz-zija tagħha xebba u saħansitra żammitha toqgħod fid-dar taż-żwieġ tagħha. Billi tax-xogħol kollu li għamlet magħha, l-imħarrka baqgħet ma tatha l-ebda kumpens, minkejja l-wegħdiet li għamlitilha, fetħet din il-kawża biex tingħata l-ħlas mistħoqq għax-xogħol imwettaq u għan-nefqiet li kienet tagħmel hi u tagħti din l-għajnuna;

[1] Paġ. 162 tal-proċess
[2] Paġġ. 163 – 4 tal-proċess
[3] Paġġ. 166 – 170 tal-proċess

Illi l-imħarrka laqgħet għal din l-azzjoni billi qalet li, qabel kollox, l-attriċi trid turi li dak li tgħid li għamlet magħha wettqitu bil-ħsieb li titħallas tiegħu. Żiedet tgħid li jekk inhu minnu li l-attriċi wettqet serviġi magħha, hija kienet tħallset b'mod xieraq matul iż-żmien li din l-għajnuna kienet qegħda tingħata, u għalhekk ma hemm xejn li dwaru l-attriċi jistħoqqilha kumpens ieħor. Temmet tgħid li, f'kull każ, l-għajnuna li l-attriċi setgħet tatha kienet ta' ftit siwi u ma hemmx post għall-għoti ta' kumpens, u għalhekk it-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi hija neputija tal-imħarrka min-naħa tal-missier. L-attriċi hija miżżewġa u toqgħod f'Ħal Luqa, mhux 'il bogħod minn fejn kienet toqgħod l-imħarrka. Sa dak iż-żmien, l-imħarrka kienet tmur torqod għand Carmen Żahra, bint wieħed min-neputijiet tagħha, u mal-jum toqgħod f'darha;

Illi jidher li lill-imħarrka kien hemm żmien twil meta l-familja ta' Anthony Aġius (iben oħt l-imħarrka) kienet tieħu ħsiebha[4] u li Carmen Żahra u oħtha (tnejn mill-ulied tal-familja Aġius) kienu wkoll minn tfultihom imorru jorqdu għandha[5];

Illi l-attriċi tgħid[6] li, għall-ħabta ta' Jannar tal-1997, l-imħarrka talbitha tibda tgħinha, wara li Żahra ma xtaqithiex tmur aktar torqod fid-dar tagħha. L-imħarrka talbitha tibda ddur biha u tmur torqod għandha u wegħditha li tħallasha minn dak li kienet tieħu mill-pensjoni u li tiftakar fiha fit-testment tagħha;

Illi fiż-żmien li l-attriċi kienet bdiet iddur bl-imħarrka, din kellha problemi ta' saħħa li, minħabba fihom, setgħet tiekol biss ikel likwidu;

Illi l-attriċi tgħid li l-għada li bdiet iddur bl-imħarrka, bagħtet għat-tabib kuranti tagħha li iċċertifika li kien moħħha f'postu u, aktar tard dakinhar, kienet ħaditha għand Nutar Pubbliku li kien ippubblika l-aħħar testment li l-imħarrka kienet għamlet (fejn kienet ħalliet kollox lil Carmen Żahra), u ħassret dak it-testment. Aktar 'il quddiem, meta kienet iddaħħlet l-isptar għal operazzjoni, l-imħarrka kienet bagħtet għal avukat li kien għamlilha prokura favur Carmen Żahra biex titolbu jħassarha;

Illi l-attriċi kienet tmur darbtejn kuljum fid-dar tal-imħarrka u taqdiha u tħejjilha dak li jkollha bżonn. Matul iż-żmien li l-imħarrka qattgħet l-

[4] Xhieda ta' Carmen Żahra f'paġġ. 63 – 4 tal-proċess
[5] Affidavit ta' Josephine Aġius, Dok "JA", f'paġ. 58 tal-proċess
[6] Affidavit tagħha f'paġ. 29 tal-proċess

isptar, l-attriċi kienet toħdilha kuljum ikel li tħejjilha apposta. B'riħet l-operazzjoni, l-imħarrka setgħet terġa' tibda tiekol kollox;

Illi matul iż-żmien li l-imħarrka kienet qiegħda tistejqer mill-operazzjoni, wriet lill-attriċi x-xewqa li tagħmel testment. L-attriċi kienet kellmet lill-psikjatra biex jgħid jekk l-imħarrka kenitx f'qagħda li tagħmel testment u dan ħallielha ċertifikat li fih qal li hija kienet f'qagħda li tagħmlu. L-attriċi tgħid[7] li għall-ewwel ftehmet mal-imħarrka biex tibda tħallasha ħamsin Lira Maltija (Lm 50) kull xahar biex tagħmel tajjeb għan-nefqiet li kienet tidħol għalihom, u wkoll li tħallilha kulma kellha b'testment. Minkejja dan, l-imħarrka għall-bidu bdiet tonqos milli tagħtiha l-ħlas miftiehem u, wara li l-attriċi wissietha li ma kenitx se tibqa' ddur biha aktar, l-imħarrka bdiet tgħaddilha tletin Liri Maltin (Lm 30) fix-xahar sa ma reġgħet marret toqgħod fid-dar tal-attriċi fl-2000. Mill-2000 'l hemm, l-attriċi kienet tiġbed il-pensjoni tal-imħarrka (li kienet titla' għal madwar mija u erbgħin Lira Maltija (LM140) kull xahar) u tużaha biex tkopri n-nefqiet li kienet tagħmel għall-ħtiġijiet tagħha u tagħti flus fl-idejn lill-istess imħarrka skond kemm kienet titlobha[8];

Illi matul iż-żmien li l-imħarrka qattgħet l-isptar, l-attriċi kienet toħdilha l-ikel li tħejjilha darbtejn kuljum. Missier l-attriċi wkoll (ħu l-imħarrka) kien qatta' ħmistax-il jum jorqod fuq pultruna fl-isptar ħdejn oħtu[9];

Illi xi żmien wara, u waqt li l-imħarrka kienet għadha l-isptar, l-attriċi ġabitilha nutar pubbliku li għamel prokura ġenerali favur l-attriċi, u ippubblika testment li fih l-imħarrka ħalliet lill-attriċi werrieta universali tagħha[10];

Illi fl-10 ta' Marzu tal-1997, l-imħarrka ħarġet mill-isptar u marret toqgħod mal-attriċi fid-dar ta' din, fejn kienet ħejjitilha kamra isfel biex tkun tista' toqgħod fiha. Damet toqgħod mal-attriċi għal medda ta' xhur. Wara dan, l-imħarrka marret toqgħod fid-dar tagħha, u l-attriċi kienet tmur iddur biha hemm kuljum. Minkejja dan, kien hemm drabi fejn l-imħarrka kienet tibgħat għaliha (ġieli wkoll billi tqabbad lil xi ġirien iċemplu lill-attriċi) biex toħodha d-dar tagħha biex torqod mal-familja tal-attriċi;

Illi l-attriċi kienet tieħu ħsieb saħħet l-imħarrka u tibgħat għat-tobba li l-istess imħarrka kienet titlobha jiġu jżuruha[11]. Kemm damet għandha

---

[7] Affidavit tagħha f'paġ. 32 tal-proċess
[8] *Ibid.* f'paġ. 33 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Teddy Portelli f'paġġ. 158 u 160 tal-proċess
[10] Xhieda tan-Nutar Anthony Grech Trapani f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[11] Xhieda tat-Tabib Raymond Sciberras f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess

kienet ħadet ħsieb ukoll li ġġibilha 'l min iqarbinha[12]. Kien hemm okkażjonijiet fejn qraba oħra tal-imħarrka kienu żaruha fid-dar tal-attriċi[13] jew inkella fid-dar tagħha matul ħinijiet differenti tal-jum[14];

Illi minħabba li saħħet l-imħarrka bdiet sejra lura, l-attriċi reġgħet laqgħetha f'darha fl-2000 u baqgħet toqgħod hemm sal-bidu tal-2003. Minħabba li l-impenji biex wieħed jieħu ħsieb sewwa tal-imħarrka żdiedu, l-attriċi ma kenitx tista' toħroġ minn darha x'ħin trid u kienet tinqeda bl-għajnuna ta' membri tal-familja tagħha jew saħansitra bil-ġirien;

Illi fil-bidu ta' Jannar, 2003, l-imħarrka ddaħħlet l-Isptar San Luqa. Xi disat ijiem wara li ddaħħlet fl-imsemmi Sptar, l-attriċi marret iżżurha u ma sabithiex hemm. Qalulha li kienu ġew xi qraba oħrajn u daħħluha f'dar għax-xjuħ fir-Rabat. L-imħarrkin jistqarru li kien missierhom li għamel l-almu tiegħu biex lill-imħarrka jsibilha dar fejn tidħol toqgħod wara li toħroġ mill-isptar, għaliex kellha l-biża' li l-attriċi tibgħatha fid-Dar tax-Xjuħ San Vinċenz de Paule[15]. Omm l-imħarrkin tgħid li kien żewġha li lill-imħarrka ħallsilha minn butu għaż-żamma tagħha fid-dar tax-xjuħ tar-Rabat, għaliex l-imħarrka qatt ma ħallsithom xejn minn tagħha, billi kienet ilmentat li l-attriċi u żewġha kienu ħadulha flusha kollha u d-deheb tagħha[16];

Illi fit-3 ta' Frar tal-2003, l-attriċi fetħet din il-kawża. L-imħarrka mietet testata fis-6 ta' April, 2006[17]. F'testment tagħha tat-28 ta' Jannar, 2003[18], ħalliet b'werriet tagħha universali u proprjetarju assolut lin-neputi tagħha Anthony Aġius, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu. Minħabba li Anthony Aġius miet fid-9 ta' Mejju, 2005, uliedu aċċettaw il-wirt tal-imħarrka u assumew ukoll l-atti tal-kawża minflokha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali xieraq li l-Qorti tagħmel tliet osservazzjonijiet mill-bidunett, li iżda jinfluwenzaw sewwa ċ-ċirkostanzi li din il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha biex tasal għall-ġudizzju tagħha. L-ewwel waħda hi li din l-azzjoni twieldet fil-qafas ta' kwestjoni li ilha tinħema madwar il-persuna tal-imħarrka u li baqgħet titkebbes ukoll wara mewtha. Mill-provi mressqa joħroġ li, maż-żmien nibtet il-pika bejn il-familja ta' missier l-attriċi u dik ta' missier l-imħarrkin li qasmet lil dawk l-istess familji bit-tnejn li huma "jikkompetu" għall-għoġba tal-imħarrka, xebba li kienet teħtieġ l-attenzjoni. Aktar ma

---

[12] Affidavit Rev. Norman Żammit, f'paġ. 28 tal-proċess
[13] Xhieda tal-imħarrek Franco Aġius, f'paġġ. 130 – 1 tal-proċess
[14] Xhieda tal-imħarrka Connie Buġeja f'paġġ. 134 – 5 tal-proċess
[15] Xhieda tal-imħarrka Marisa Cauchi f'paġ. 68 tal-proċess
[16] Affidavit ta' Josephine Aġius, f'paġ. 59 tal-proċess
[17] Dokti "X" u "A", f'paġġ. 72 u 76 tal-proċess
[18] Dok "B", f'paġġ. 77 – 8 tal-proċess

għadda ż-żmien aktar ħraxet it-taqbida bejn iż-żewġ naħat, li donnhom riedu jagħmlu l-almu tagħhom biex “jikkapparraw” lix-xebba bit-tama li l-ġid miġmugħ li jifdal wara mewtha jispiċċa għandhom u mhux in-naħa l-oħra. Għalhekk, ix-xhieda li toħroġ turi din it-taqbida, b’naħa tmaqdar lil oħra u tattribwilha l-ħsara li daħlet f’din il-familja, minbarra li tipprova toskura – imqar b’allegazzjonijiet ta’ tbagħbis mal-ġid (serq) – lin-naħa l-oħra. F’ċirkostanzi bħal dawn, xogħol il-Qorti jsir itqal biex tagħraf min qed jgħid is-sewwa u fejn tabilħaqq hu s-sewwa;

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li, minħabba dak li għadu kemm ingħad, meta mietet l-imħarrka ġara li dawk li wirtuha kienu l-istess qraba li kienu mqabdin mal-familja tal-attriċi. Il-Qorti ngħatat x’tifhem li l-attriċi fetħet il-kawża tal-lum sewwasew għaliex għarfet x’kien se jiġri mill-qagħda li kienet inħalqet xi żmien qabel meta l-imħarrka kienet għadha tistenna l-għajnuna tagħha. L-attriċi fetħet il-kawża kontra l-imħarrka u ma stennietx biex tagħmel hekk kontra l-werrieta tagħha, li, fil-każ tal-lum huma l-werrieta tan-neputi tal-imħarrka li tħalla b’werriet ta’ ġidha kollu fl-aħħar testment li laħqet għamlet qabel mietet;

Illi t-tielet osservazzjoni hi li l-imħarrka ma tressqitx b’xhud, għalkemm kienet hi li ressqet in-Nota tal-Eċċezzjonijiet u ikkontestat it-talbiet tal-attriċi. Madankollu, mill-provi ħareġ li l-istess imħarrka kellha l-ħabta li tmaqdar lil min kien indaħal biex idur biha u li dan kienet tagħmlu, mid-dehra, wkoll quddiem terzi. Xiehda li taw ix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti qalu kemm l-imħarrka kellha kliem iebes kemm dwar l-attriċi[19] u kemm kontra omm l-imħarrkin u l-istess imħarrkin[20]. Il-fatt ukoll li, f’medda ta’ żmien, ħassret prokuri li kienet tat kemm lil waħda mill-imħarrkin u wkoll lill-attriċi, u l-bdil ta’ testmenti skond ’il fejn ikun jonfoħ ir-riħ, jixhdu mġiba li kienet tgħin biex tixgħel il-pika bejn iż-żewġ fergħat tal-familja, minflok toħloq ambjent ta’ fehma u ko-operazzjoni fl-għajnuna u l-indukrar ta’ qariba komuni;

Illi, fil-qofol, l-imħarrka (u dawk li daħlu fil-kawża minflokha) iqanqlu tliet linji ta’ kontestazzjoni. Dawn huma (i) li l-attriċi trid turi li dak li tgħid li għamlet ma’ zitha kellha f’moħħha li tingħata ħlas għalih, u li f’kull każ, minħabba l-grad ta’ qrubija, ma hemmx lok għall-għoti ta’ kumpens; (ii) li ta’ dak li għamlet l-attriċi ma’ zitha, hija tħallset b’idejha u (iii) li dak li sar ma kienx ta’ siwi kbir;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ dawn il-kontestazzjonijiet aktar ’l isfel, flimkien mal-apprezzament tal-provi mressqa;

---

[19] Xhieda ta’ Pawla Ellul f’paġ. 43 tal-proċess
[20] Xhieda ta’ Teddy Portelli f’paġġ. 156 – 7 tal-proċess

Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi jew għajnuna mogħtija lil xi persuna trieġi fuq żewġ sisien:  jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[21]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[22] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[23];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim mhijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta' għall-ħlas ta' serviġi.  Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[24];

Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq.  F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[25];

Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha[26];

Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita' tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma

[21] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)

[22] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***

[23] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)

[24] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***

[25] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Aġius***

[26] P.A. JSP **29.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Farruġia et vs Anthony Camilleri et*** (mhix pubblikata)

fix-xejn għal xi raġuni li l-persuna li tkun qdiet ma jkollhiex kontroll fuqha[27];

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **dwar jekk huwiex minnu li l-attriċi qdiet** lill-imħarrka. F’dan il-każ, bħalma wieħed jistenna f’kawżi ta’ din l-għamla, ħafna mix-xhieda ġejja mill-partijiet infushom u qraba tagħhom. Ma jistax jonqos li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fiha ngħatat dik ix-xhieda u dwar dak li l-Qorti semmiet aktar qabel dwar ir-retroxena fi ħdan il-familja tal-imħarrka, toħroġ stampa ta’ verżjonijiet li ma jaqblux ma’ xulxin bejn dak li tgħid l-attriċi u x-xhieda mressqin minnha u dak li jgħidu x-xhieda mressqa mill-imħarrkin. Ingħad f’każ bħal dan li “l-konflitti fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f’kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant”[28]. Jigi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f’każ ta’ żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għal kollox ma’ xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li “*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*”[29]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawża. Mill-banda l-oħra, madankollu, il-grad ta’ prova mistenni fil-kamp ċivili, b’differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f’moħħ il-ġudikant. Din ċ-ċertezza morali f’kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet;

Illi, madankollu, f’din il-kawża tressqu wkoll xiehda li biex il-Qorti tifli l-verżjonijiet tal-partijiet u tagħraf tagħżel fuq liema verżjoni għandha toqgħod u f’liema aspetti tagħha, għaliex huma xiehda li ma jidhirx li kellhom interess li jxaqilbu lejn naħa jew lejn oħra imma li jixhdu dwar dak li tabilħaqq raw;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ li l-għajnuna li ngħatat lill-imħarrka matul iż-żmien rilevanti tal-kawża ngħatat kemm fid-dar tal-attriċi u wkoll f’dar l-istess imħarrka. Dan kien jiddependi wkoll mill-fażijiet ta’ saħħitha, għaliex tressqet prova ta’ għajnuna mogħtija wkoll (mill-attriċi u qrabatha) sakemm l-imħarrka kienet l-isptar għall-kura.

[27] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***

[28] P.A. MCC **24.11.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Rokku Farruġia***

[29] App.Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*

Huwa matul iż-żmien li l-imħarrka kienet baqgħet tmur tqatta' biċċa mill-jum f'darha li l-verżjonijiet tal-partijiet jaħbtu ma' xulxin. L-attriċi tgħid li, wara li l-imħarrka tkun qattgħet il-lejl rieqda għandha, l-imħarrka kienet tmur toqgħod fid-dar tagħha u taqdiha hemmhekk ukoll. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jisħqu li kienu jkunu huma li jduru bl-imħarrka li kienet tilminta magħhom (u mal-ġirien) kemm kienet intelqet għal riħha mill-attriċi wara li tatha flusha kollha. Xi mħarrkin xehdu wkoll li l-imħarrka kienet imħollija mitluqa, maħmuġa u mċaħħda mil-liberta' mill-attriċi u l-familja tagħha ukoll fiż-żmien li din kienet toqgħod f'kamra fid-dar tagħhom;

Illi, min-naħa l-oħra, il-verżjoni mogħtija mill-attriċi dwar iċ-ċirkostanzi li fihom bdiet iddur bl-imħarrka ma hijiex miċħuda mill-imħarrkin. Dik iċ-ċirkostanza kienet li l-imħarrka talbet lill-attriċi biex tibda ddur biha wara li kellha xi problema ma' waħda mill-imħarrkin. Ma kenitx l-attriċi li ddeffset biex timponi ruħha fuq l-imħarrka, imma kienet l-imħarrka nnifisha li talbet dik l-għajnuna. Għall-kuntrarju, meta l-attriċi tmeżimżet bit-tnaqqis ta' ħlas li l-imħarrka għamlitilha kull xahar u qaltilha li ma kenitx ser tkompli tgħinha, kienet l-imħarrka li bagħtet titlobha biex terġa' tilqagħha u ma taqtax mill-għajnuna li kienet qiegħda tagħtiha. L-imħarrka jidher li stqarret ukoll li b'riħet dik l-għajnuna mill-attriċi kienet inħelset għaliex "allaħares ma kinitx Maria[30] għax kieku ġarrewni"[31];

Illi l-Qorti fliet b'reqqa din ix-xhieda kollha u tasal għall-fehma li ma tistax toqgħod fuq il-verżjoni tal-imħarrkin. It-tmaqdir li jirrikorru għalih l-imħarrkin ma jreġix ħdejn ix-xhieda li taw meta tressqu fil-kontro-eżami. Hemm għarfien ukoll tal-preżenza tal-attriċi fil-ħajja tal-imħarrka u wkoll tal-fatt li l-imħarrka għamlet żmien taqdiha minn kollox kemm damet l-isptar (billi kuljum toħdilha ikel imsajjar apposta mill-attriċi) u wkoll meta laqgħetha fid-dar tagħha u tatha kamra għaliha mill-istess dar. Żammitha wkoll sakemm saħħitha ippermettitilha;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tasal għall-fehma li l-għajnuna li l-attriċi tat lill-imħarrka kienet ħidma li ntalbet u ntlaqgħet mill-istess persuna li saret magħha. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jixhed ċerta dipendenza fuq l-attriċi li l-imħarrka kienet daħħlet sakemm, waqt li kienet tinsab l-isptar, missier l-imħarrkin daħħalha f'dar tax-xjuħ privata, bla ma għarraf b'dan lil kuġintu l-attriċi. B'żieda ma' dan, il-fatt li s-serviġi jinbnew fuq il-kważi-kuntratt, l-element tal-volontarjeta' f'min jagħti s-servizz ma jċaħħdux mill-jedd li jistenna l-effetti tar-rabta li tinħalaq mal-parti mgħejjuna[32].

[30] Jiġifieri l-attriċi
[31] Xhieda ta' Teddy Portelli, f'paġ. 157 tal-proċess
[32] Art. 1012 tal-Kap 16

Minbarra dan, u għar-raġunijiet li ssemmew qabel, kienet għajnuna li titlob impenn fuq medda ta' żmien li tmur lil hinn mis-solidarjeta' li kienu juru qraba oħrajn (fosthom l-imħarrkin) u li kieku saret minn barranin imqabbdin apposta kienet tinvolvi nefqiet u ħlasijiet;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **jekk l-għajnuna mogħtija ngħatax bil-ħsieb ta' kumpens**. Din hija kontestazzjoni li l-imħarrkin jibqgħu jinsistu fuqha wkoll fit-trattazzjoni tal-għeluq. Madankollu, hija kontestazzjoni li ma taqbilx ma' eċċezzjoni oħra li ressqu, jiġifieri li l-attriċi tħallset b'idejha ta' dak li kienet tagħmel. Hu x'inhu, il-Qorti għandha quddiemha provi biżżejjed li juru li l-attriċi qablet li tgħin lil zitha l-imħarrka bil-fehma li tkun kumpensata għal dak li għamlet magħha. L-aqwa prova ta' ċirkostanza f'dan ir-rigward hi l-imħarrka kienet bdiet tħallas lill-attriċi somma kull xahar. Il-fatt li l-imħarrka bdiet regolarment tnaqqas is-somma mogħtija ma jxejjinx il-fehma li ż-żewġ partijiet kellhom li s-servizzi ma kinux ser jingħataw għal xejn. Ċirkostanza oħra hi li, f'jum wieħed, l-imħarrka tat prokura u għamlet testment li fih qalet li ħalliet lill-attriċi bħala l-werrieta waħdanija tagħha. Dan kien biżżejjed biex iwassal fil-fehma tal-attriċi l-konferma li kienet qiegħda ddur b'zitha bit-tama li tingħata kumpens. It-tielet ċirkostanza hi li l-ħlas imwettaq mill-imħarrka ma kienx qiegħed jissalda l-obbligazzjoni, imma biss jalimentaha;

Illi minn dawn il-provi joħroġ fi grad tajjeb biżżejjed biex il-Qorti tista' tasal għall-fehma li s-serviġi mwettqa fuq medda ta' żmien kienu ta' fejda u ġid għall-istess imħarrka li l-istess kienet aċċettathom u kienet tagħraf li ngħatawlha. L-attriċi għamlet dan bil-ħsieb li tingħata kumpens. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin ma seħħilhomx juru li dak li għamlet l-attriċi kien bla ma stenniet li tingħata ħlas;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ssib li tirriżulta ippruvata kif imiss u sejra tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrkin;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attrici**, tajjeb li jingħad li fost il-kriterji magħrufa[33] li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut, wieħed isib (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) l-grad ta' ħila jew speċjaliżżazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab

[33] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn

jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħufija;

Illi dwar il-frekwenza u x-xorta tax-xogħol mogħti mill-attriċi, jirriżulta mill-atti li dawn kienu konsistenti u ta' impenn mhux traskurabbli. Dwar dan, il-Qorti diġa' tat il-konsiderazzjonijiet tagħha waqt li kienet qiegħda tqis l-ewwel talba attriċi;

Illi dwar il-ġid ta' l-imħarrka, ma nġabux provi dwar il-konsistenza tal-ġid tagħha. Kulma ssemmiet kienet biss il-pensjoni, u ma ntweriex jekk id-dar li kellha f'Ħal Luqa kenitx tagħha, kenitx mikrija minnha jew x'valur kellha. Ma tressqu l-ebda provi dwar kemm kellha flus fil-bank fil-waqt li nfetħet il-kawża;

Illi l-attriċi ressqet il-pretensjoni tagħha tal-kumpens fis-sura ta' prospett (isssejjaħlu "approssimattiv") maħluf[34]. Irid jingħad li fl-imsemmi prospett, l-attriċi ssemmi wkoll, perjodu f'perjodu, x'kien il-ħlas magħmul lilha min-naħa tal-imħarrka. Hija tagħmilha ċara li l-prospett imressaq minnha jgħodd fih biss nefqiet jew ħruġ "pero' ma jinkludix kumpens għall-ħin u s-sagrifiċċju personali tiegħi u ta' żewġi fuq medda ta' sitt snin. Nerġa' ntenni li l-mandat li għamilna kien ta' sitt elef lira Maltin (Lm 6,000[35]), imma nħoss li tali somma hija konservattiva, u llimitajna ruħna għal tali somma biex inkunu ċerti li ma nkunux qegħdin nabbużaw mill-mandat ta' sekwestru tagħna…"[36];

Illi l-attriċi taqsam il-pretensjonijiet tagħha ta' kumpens f'erba' (4) fażijiet ta' żmien: minn Jannar 1997 sal-bidu ta' Frar ta' dik is-sena; mit-2 ta' Frar tal-1997 sal-10 ta' Marzu (meta l-imħarrka kienet rikoverata fl-isptar); bejn Marzu u Ġunju tal-1997 (meta l-imħarrka kienet f'darha u ma toħroġx) u minn Lulju tal-1997 sa Jannar tal-2003 (meta l-imħarrka kienet marret toqgħod mal-familja tal-attriċi fid-dar tagħhom). F'kull waħda minn dawn l-erba' fażijiet, l-attriċi tressaq in-nefqiet li qalet li saru għall-ġid tal-imħarrka u tnaqqas minnhom dak li tgħid li l-imħarrka ħallsitha tagħhom. Jirriżulta, mill-imsemmi prospett, li f'kull waħda mill-erba' fażijiet, l-attriċi marret minn taħt, ħlief fl-aħħar fażi fejn jidher li marret minn fuq. Jirriżulta wkoll li, matul iż-żmien kollu rilevanti ta' għoti ta' serviġi, l-attriċi tistqarr li tħallset mill-imħarrka somma li tlaħħaq sitt elef mija u sittin Liri Maltin (Lm 6,160[37]);

---

[34] Paġġ. 35 – 8 tal-proċess
[35] Li jġibu €13,976.24 fi flus tal-lum
[36] *Ibid.* f'paġ. 38 tal-proċess
[37] Li jġibu € 14,349 fi flus tal-lum

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jippruvaw joħolqu dubji dwar is-serjeta' ta' wħud mill-partiti tal-imsemmi prospett u kif ukoll jisħqu dwar il-fatt li l-attriċi kienet titħallas b'idejha minħabba li kienet prokuratriċi tal-imħarrka u kienet iżżomm mill-pensjoni tagħha kemm jidhrilha u lill-imħarrka tgħaddilha xi ammonti bħala "*pocket money*";

Illi l-Qorti tagħraf li l-attriċi nnifisha tistqarr[38] li ma żammitx riċevuti ta' dak li tgħid li nefqet u lanqas tad-drabi li għaddiet flus lill-imħarrka meta kienet issarrfilha l-pensjoni. Għalkemm tgħid li qatt ma nqdiet bil-prokura li kellha biex tiġbed flus mill-kontijiet bankarji tal-imħarrka, tammetti li l-imħarrka kienet tagħtiha "xi ħaġa" talli kienet iddur biha. Hemm xhieda wkoll li turi li l-imħarrka ġieli ħallset hi għan-nefqiet li saru[39]. Fuq kollox, jidher li għalkemm l-attriċi tgħid li hi u l-imħarrka kienu ftehmu li kellha titħallas ħamsin Lira Maltin (Lm 50[40]) kull erba' (4) ġimgħat, aċċettat li tibqa' tagħtiha s-servizzi bħas-soltu b'kumpens ta' ħamsa u għoxrin Lira (Lm 25[41]) kull erba' (4) ġimgħat. Ta' min jgħid li din l-aċċettazzjoni saret fi żmien qabel ma l-attriċi kellha għaliex taħseb li l-għajnuna lill-imħarrka kienet sejra tintemm qabel waqtha u fi żmien qabel ma fetħet din il-kawża. Wieħed jifhem ukoll li l-partijiet kellhom f'moħħhom li dak il-ħlas kien ikun lil hinn min-nefqiet meħtieġa;

Illi l-Qorti tqis li ma jistax jinċaħad li l-għajnuna mogħtija mill-attriċi lill-imħarrka swietilha ħin u sagrifiċċju, u xejn anqas nefqiet li nħarġu mill-ammont disponibbli lill-attriċi u l-familja tagħha. Kien hemm ukoll l-aspett tat-tnaqqis mill-faċilitajiet tad-dar, minħabba li kellha tintuża kamra mid-dar tal-attriċi li fiha l-imħarrka kienet trid toqgħod. Min-naħa l-oħra, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attriċi li tkopri n-nefqiet li kienu jsiru minnufih mill-fondi li kienu disponibbli mill-pensjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tasal biex issib li l-imħarrkin kellhom raġun dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrka u seħħilhom juru li l-attriċi kienet tħallset b'xi mod. Imma joħroġ ċar li dak il-ħlas ma kienx jissalda l-jeddijiet kollha li l-attriċi kellha dritt għalihom u tali ħlas irid jitqies biss bħala ħlas akkont;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra timxi fuq likwidazzjoni ġenerali li tiġbor fiha kull pretensjoni tal-attriċi dwar is-servizzi mogħtijin minnha lill-imħarrka u li tagħha jridu jagħmlu tajjeb l-imħarrkin bħala werrieta ta' din. Bi tħaddim ta' dan il-kejl u wara li qieset il-fatturi kollha fuq imsemmija fid-dawl tal-provi mressqa (magħduda l-ħlasijiet li saru mill-istess imħarrka), il-Qorti qiegħda tistabilixxi kumpens bilanċjali li jrid jitħallas lill-attriċi fir-rigward

[38] Xhieda tagħha f'paġ. 92 tal-proċess
[39] Xhieda tat-Tabib Raymond Sciberras f'paġ. 40 tal-proċess
[40] Li jġibu € 116.47 fi flus tal-lum
[41] Li jġibu € 58.23 fi flus tal-lum

tal-imħarrka fis-somma ta' erbat elef ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€ 4,542)[42];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attriċi wettqet serviġi lill-imħarrka li kienu ta' ġid għaliha u li dwarhom l-istess attriċi jistħoqqilha l-għoti ta' kumpens b'żieda mal-ħlas li kienet diġa' ngħatat;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-kumpens bilanċjali dovut lill-attriċi għas-serviġi li hija wettqet ma' zijitha Consiglia Abdilla fis-somma ta' erbat elef ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€ 4,542);

**Tiċħad** għalhekk **l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet** imma **tilqa' f'parti t-tielet eċċezzjoni**;

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imħarrkin biex, flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' erbat elef ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€ 4,542) bħala kumpens bilanċjali għal serviġi mwettqa mill-attriċi lil Consiglia Abdilla, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tordna li l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' April, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**11 ta' April, 2017**

---

[42] €58.23 x 13 x 6 = € 4,542